**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2018**

**Talba numru: 476/2017 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 45.**

**Dr Sarah Rutter Giappone (K.I. 70486M) bhala mandatarju specjali tal-assenti Christian Favale (Passaport Taljan YA0343196), Valerio Brandi (Passaport Taljan AA2912787) ,Calvio Janez Anzalone (Passaport Taljan YA5614234) c\o Old Bakery Street, Valletta.**

**Vs**

**Darrren Grima (K.I. 0493076M), 125, Flat 11, The Strand, Gzira**

**Brian Degiorgio (K.I. 0438776M), Block D, Flat 6, Perry Court, Birkirkara Road, St Julians.**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-atturi fis-16 ta' Ottubru, 2017 li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenuti jigu ordnati jhallsu lill-atturi s-somma ta' tlett elef tlett mija u erbgha u tmenin ewro u tnejn u sittin centezmu (€3384.62c) rapprezentanti bilanc mid-depozitu mhallas skont Klawsola 4 tal-kuntratt ta' kera datat 23 ta' Settembru, 2016 wara t-tnaqqis tal-kontijiet tad-dawl u ilma u tiswijiet dovuti skont l-anness prospett.

Ra l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti a fol 7 li permezz taghha eccepew il-kompetenza ta' dan it-Tribunal a tenur tal-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili u/jew l-Artikolu 39 tad-disposizzjonijiet transitorji tal-Att X tal-2009 u/jew tal-Artikolu 16 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta; li f'kull kaz u minghajr pregudizzju t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-eccipjenti ma ghandom xejn xi jhallsu lir-rikorrenti; f'kull kaz ukoll kienu r-rikorrrenti li ghamlu diversi hsarat fil-mertu tal-kirja li huma kienu jgawdu bl-indirizz 81, Windsor Terrace, Sliema u li skont il-kuntratt ta' lokazzjoni ta' bejn l-partijiet tat-23 ta' Settembru, 2016 kienu l-istess rikorrenti li kellhom a spejjez taghha jaghmlu tajjeb ghal hsara li jikkawzaw fl-istess fond; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota tal-osservazzjonijiet prezentata minn kull parti.

Ikkunsidra

Li mill-atti jirrizulta li l-kuntratt ta' kirja li sar bejn il-partijiet tal-fond li jinsab 81, Windsor Terrace, Sliema illum ma ghadhiex veljanti tant li l-atturi li kienu krew il-fond minghand il-konvenuti llum kollha huma assenti minn Malta.

L-Artikolu 1525 (1) tal-Kodici Civili, Kap 16 jghid is- segwenti:-

"...Il-Bord li Jirregola l-Kera (hawn aktar 'il quddiem f'dan it-titolu msejjaħ ''il-Bord tal-Kera'') maħtur bis-saħħa tal- Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini għandu kompetenza esklussiva li jiddeċiedi kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u ta' dar għall- abitazzjoni u ta' fond kummerċjali. Kirjiet oħra baqgħu taħt il-kompetenza tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Civili ..."

Din id-disposizzjoni hija ukoll replikata fl-Artikolu 39 (5) tal-istess Att X tal-2009 fid-disposizzjonijiet transitorji. L-Artikolu 38(a) jipprovdi subartikolu gdid wara l-artikolu 16 (3) tal-Kapitlu 69:

"(4) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra il-Bord għandu wkoll jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali u dan għat-termini ta' Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, inklużi kawżi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja"

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal fuq il-portata tal-Artikolu 1525 tal-Kapitolu 16 fil-kawza PL John Privitera noe vs Josephine Camilleri deciza fis-16 ta' Lulju, 2012) li gie ikkonfermat fl-Appell la darba din titratta l-ligi specjali li qed takkorda kompetenza esklussiva ta' certu tip ta' kawzi u cioe' dawk dwar kuntratti ta' kera tal-fondi ndikati lill-Bord li Jirregola l-Kera mela tali Ligi tipprevali fuq il-ligi li tirregola l-kompetenza tal-Qrati ordinarji, u taffetwa l-istess, fis-sens li kawzi li qabel kienu fil-kompetenza tal-Qrati ordinarji, issa huma fil-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera, u allura l-iskop tal-emendi li saru bl-Att X tal-2009 kellhom l-iskop li kawzi li kienu qabel fil-kompetenza tal-Qrati ordinarji, issa dahlu fil-kompetenza esklussiva tal-Bord li Jirregola l-Kera, u allura d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3 (2) tal-Kap 380 dwar 'money claims' ma japplikawx meta il-kwistjoni tkun relattata ghal talba ta' hlas ta' kera, ghaliex din ma tistax tkun fil-kompetenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, izda tal-Bord tal-Kera kif espressament indikat fl-Artikolu 1525 tal-Kap. 12.

Illi pero' fil-kawza odjerna l-kirja ma baqghetx veljanti. Fuq dan hemm kazistika ohra fil-kawza Trevor Buttigieg v Martin John Easby (kawza nru 433/2011 deciza 7.1.2003) fejn it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar fit-talba ghall-arrettrati ta' dawl u hsara fuq il-fond mikri wara li ntemmet il-kirja, iddikjara illi: kull obbligazzjoni li tohrog mill-kuntratt ta' lokazzjoni hija tal-kompetenza tal-Bord li Jirregola il-Kera. Ghalhekk it-Tribunal ikkonkluda illi ma kellux il-kompetenza.

Pero', fil-kawza Romina Mohnani vs Alfred Borg u Stephen Mackay (Avviz 233/2010 Deciz fid-09 t'April, 2013). Ghalkemm kien kemm konsiderazzjonijiet ulterjuri fejn ndahlet il-kwistjoni jekk kienetx kera jew operation/management agreement gie stabbilit li kienet kirja pero' l-kirja ntemmet. Il-Qorti tal-Magistrati f'din il-kawza qalet illi:

B'hekk ghalkemm il-pretensjonijiet tal-attrici titratta dwar hlas korrispettiv ghas-sullokazzjoni tal-fond kummercjali ... irrid jigi kkunsiderat jekk tali pretensjoni taqax taht il-Bord li Jirregola il-Kera kif [provdut fl-Artikolu 1525 tal-Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta) ladarba t-talba ghall- kanonizzazzjoni ta' dan il-kreditu qed issir wara it-terminazzjoni tal-lokazzjoni u konsegwentament sullokazzjoni tal-fond in kwistjoni.

Ghalhekk fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jitlob hlas ta' kera dwar kirja li m'ghadhiex veljanti. L-intimat jargumenta illi "r-regola ghalhekk hija li l-Bord ghandu gurisdizzjoni

fuq il-kwistjonijiet kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani fuq kwistjonijiet dwar l-okkupazzjoni ta' fondi urbani meta l-kirjiet ikunu intemmu. Ghalhekk fejn m'hemmx kirja ghaddejja, il-Bord ghandu gurisdizzjoni biss jekk il-kwistjoni titratta l-okkupazzjoni ta' fond urban wara li tkun intemmet kirja". Hija notevoli l-ommissjoni mill-intimat tal- kelma "inkluz" meta jirriproduci l-Artikolu 16(4) ghaliex din taghmel differenza sinjifikanti. Fil-fatt 'una volta reinserita' din il-kelma dan is-Subartikolu ghandu jaqra, kif fil-fatt jaqra, illi l-Bord ghandu gurisdizzjoni fuq il-kwistjonijiet kollha li jolqtu kirjiet urbani inkluz fuq kwistjonijiet dwar l-okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni tal-kirja. Issa l-azzjoni tar-rikorrenti hija indubbjament dwar kirja li intemmet, b'mod intempestiv jew le u b'mod unilaterjali o meno. Huwa jghid li l-intimat irritorna c-cwievet u meta dahal fil-fond sab il-hsara minnu lamentata. La darba l-kera hija meqjusa mitmuma, l-poter ta' dan il-Bord biex jaghti rimedju fuq arretrati ta' kera u danni kagjonati fil-fond waqt il-kors tal-kirja allura huwa serjament mqeghda f'dubju. Tajjeb li jkun notat illi meta l-legislatur ried jaghti poter lil Bord dwar kwistjonijiet ta' kirjiet mitmuma, jigifieri okkupazzjoni ta' fond wara t-tmiem tal-kirja, dak il-poter tah bi kliem car u inekwivoku. Fit-termini tal-principju, 'ubi voluit dixit', il-legislatur ma semma xejn aktar dwar il-poteri tal-Bord f'kirjiet mitmuma. B'hekk il-kelma "kirjiet" fl-Artikolu 16(4) ghandha tiftiehem bhala kirjiet veljanti.

Fil-kaz odjern huwa pacifiku illi l-kirja intemmet qabel l-inizzju ta' dawn il-proceduri u ghalhekk dan il-Bord jikkonkludi illi bhala konsegwenza m'ghandhux kompetenza jisma' u jiddeciedi kwistjonijiet ta' danni u hlas t'arretrati ta' kera.

Ghalkemm din is-sentenza giet appellata l-Qorti taqbel perfettament mar-ragunament tal-Bord Li Jirregola l-Kera u hi wkoll hija tal-fehma li meta talba ghall-hlas t'arretrati ta' kera tigi ntavolata wara t-terminazzjoni tal-lokazzjoni u/jew sullokazzjoni, skont il-kaz, din it-talba taqa' taht il-kompetenza tal-Qrati ordinarji u mhux tal-Bord Li Jirregola l-Kera. It-talba ta' l-attrici hija kjarament talba ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu taghha fil-konfront tal-konvenuti u fl-assenza ta' lokazzjoni effettiva u in corso l-forum kompetenti biex jiddetermina tali talba hija l-Qorti ordinarja u mhux il-Bord Li Jirregola il-Kera li ghalkemm illum ghandu kompetenza ferm iktar wiesa milli kellu qabel l-emendi introdotti bl-Att X ta' l-2009, xorta wahda jibqa' Tribunal specjali l-kompetenza ta' liema hija strettament determinata mill-Ligi.

Illi fil-kawza odjerna jidher illi l-kwistjoni hija dwar kirja li m'ghadhiex veljanti u li infatti l-atturi ma ghadhomx jirrisjedu fil-fond mikri lilhom u qed jaghmel il-kawza biex jithallsu l-bilanc ta' depozitu li kienu hallsu meta dahlu f'din il-kirja. Illi ghalhekk ghandha tapplika l-principju li ntuzat fil-kawza Romina Mohnani vs Alfred Borg u Stephen Mackay (Avviz 233/2010 deciza fid-09 t'April, 2013) fejn gie ddikjarat illi l-interpretazzjoni tal-ligi specjali ghandha tkun wahda stretta u li: galadarba ma ghadtx hemm okkupazzjoni tal-fond u l-kirja ntemmet il-gurizdizzjoni taqa' taht il-Qrati ordinarji.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u jordna l-prosegwiment tal-kawza. Ikompli jisma 'l-kawza.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**